MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 332/2007

Kawza fil-lista: 22

**A B f' isimha proprju**
**u ghan-nom tal-minuri C, Z u O B**
**vs**
**M P, u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi hija kellha relazzjoni mal-konvenut M P izda l-partijiet qatt ma zzewgu;

2. Illi minn din ir-relazzjoni twieldu tlett itfal u cioe' C li twieled fis-27 ta' Gunju 1999, Z li twieldet fil-21 ta' Awwissu 2000 u O li twieldet fid-29 ta' Lulju 2001;

3. Illi skont l-istess certifikati tat-twelid it-tfal gew iskritti ulied l-attrici u ta’ missier mhux maghruf;

4. Illi m’hemm l-ebda dubju li l-konvenut huwa l-missier naturali tat-tfal C, Z u O;

5. Illi l-konvenut ghadu qed jirrifjuta li jirrikonoxxi lill-uliedu u ma jhallas xejn bhala manteniment;

Ghaldaqstant jghidu l-konvenut ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m’ ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut M P huwa l-missier naturali u bijologiku tat-tlett minuri C, Z u O B occorrendo b’ test tal-paternita’ jekk ikun il-kaz.

2. Tordna li l-att tat-twelid tal-istess minuri C, Z u O jigu korretti fis-sens li jigi mhassar mill-iskrizzjoni relattiva kull fejn jirrikorru l-kliem missier mhux maghruf jew ‘unknown father’ u sostitwiti bil-kliem M P u jigu inseriti fil-kolonni rispettivi tal-partikolaritajiet kollha l-ohra li jirrizultaw mill-Att tat-Twelid tal-istess M P.

3. Tiddikjara ukoll illi l-konvenut M P bhala missier it-tlett minuri hawn indikati ghandu l-obbligi li jmantni u jeduka l-istess minuri u dan b’ effett mid-data tat-twelid tal-istess minuri.

4. Tillikwida jekk ikun il-kaz bl-opera ta’ perit nominandi, ammont ta’ manteniment li ghandu jkun pagabbli mill-konvenut M P lill-attrici bhala manteniment ghall-minuri inkluz l-arretrati tal-istess mid-data tat-twelid tal-istess minuri filwaqt li tistabbilixxi wkoll il-modalitajiet ta’ kif ghandu jithallas l-manteniment u ta’ kif ghandu jigi rivedut u awmentat.

5. Tordna u tikkundanna lill-konvenut M P sabiex ihallas lill-attrici dik is-somma ta’ manteniment hekk likwidata fit-talba precedenti bil-modalitajiet u termini kif stabbiliti inkluzi ukoll l-arretrati tal-istess manteniment mid-data tat-twelid tat-tlett minuri.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut M P li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata prezentata mill-konvenut M P li biha rrisponda :

1. Illi preliminarjament u in kwantu ghat-tielet, ir-raba' u l-hames talba attrici dawn huma intempestivi u dana billi l-Qorti qatt ma tista' tasal ghall-gudizzju fuqhom fl-istess kawza qabel ma tiddeciedi l-ewwel zewg talbiet attrici ;

2. Illi, preliminarjament ukoll, il-konvenut jecepixxi n-nullita' tar-rikors promotorju-mahluf-attrici ai termini ta' l-Artikolu 789(1)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dana billi l-attrici permezz tar-rikors promotorju taghha u bi ksur tal-principju kardinali 'electam una via non datum recursus as alteram' qieghda tipprova tittenta taghmel zewg azzjonijiet f' wahda u cioe' azzjoni ghal dikjarazzjoni ta' paternita' u azzjoni ghall-dikjarazzjoni u ifissar dwar manteniment adirittura b' mod retrospettiv liema azzjonijiet huma ben separati u distiniti minn xulxin u ghalhekk ma jistghux jitressqu f' kawza wahda u liema talbiet huma inkompatibbli ma' xulxin u dan ghaliex l-attrici qatt ma setghet qatt tipprocedi f' dan l-istadju ghall-dikjarazzjoni ta' hlas u ifissar ta' manteniment qabel ma jkollha gudizzju finali u definittiv fuq l-ewwel zewg talbiet taghha. Minhabba f' hekk il-konvenut jikkontendi li tali vjolazzjoni ma tistax tissewwa taht l-ebda disposizzjoni ohra tal-ligi u per konsegwenza tissussisti n-nullita' ;

3. Illi l-konvenut jirrileva li huwa m' ghandu l-ebda obbligu ai fini u effetti tal-ligi illi jissottometti ruhu ghat-test xjentifiku tal-paternita' ;

4. Illi sta ghall-attrici li tipprova dak li qed tallega in kwantu ghall-ewwel zewg talbiet taghha ;

5. Illi in kwantu ghat-tielet, ir-raba' u l-hames talba dawn huma wkoll guridikament insostenibbli hekk kif dedotta stante li l-Qorti fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz qatt ma' tista tiskatta xi obbligu ta' manteniment b' mod

retrospettiv u cioe' mid-data tat-twelid tal-minuri hekk kif qed titlob l-attrici ;

6. Salv difizi ulterjuri hekk kif premessi mill-ligi.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha rrisponda :

1. Illi preliminarjament l-esponent mhux il-legittimu kontradittur fir-rigward tat-tielet, ir-raba' u l-hames talbiet dedotti fir-rikors guramentat.

2. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti ghandha tispecifika d-dettalji personali kollha tal-allegat missier naturali l-intimat M P sabiex jekk it-talbiet tar-rikorrenti jintlaqghu, dawn id-dettalji jkunu jistghu jigu inseriti fl-Att tat-Twelid in kwistjoni flimkien mad-dettalji l-ohra.

4. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-intimat li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez tal-istanti.

Rat is-sentenza parzjali moghtija minn din il-Qorti fis-26 Novembru 2009;[1]

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

---

[1] Fols.90 *et seq.*

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi l-gudizzju odjern huwa limitata ghat-talbiet numri tlieta [3], erba' [4] u hamsa [5] li jirrigwardaw il-manteniment, arretrat u futur, dovut lill-attrici mill-konvenut ghat-tfal minuri taghhom: C, Z u O, li twieldu rispettivament, fis-27 Gunju 1999, fil-21 Awissu 2000 u fid-29 Lulju 2001.

Minn naha tieghu l-konvenut jiccepixxi fir-rigward, li dawn it-talbiet huma "guridikament insostenibbli, stante li l-Qorti fic-cirkostnazi ta' dan il-kaz qatt ma jista' tiskatta xi obbligu ta' manteniment b' mod retrospettiv, u cioe' mid-data tat-twelid tal-minuri."[2]

**Fatti**

Illi fix-xhieda[3] taghha l-attrici tghid li l-partijiet kienu f' relazzjoni esklussiva u stabbli mis-sena 1998 sas-sena 2005. Matul dan iz-zmien huma kellhom tlett t'itfal imwieldin fid-dati fuq indikati, u li ghalhekk illum ghadhom minorenni.

Il-partijiet kienu jghixu bhala familja, u, filwaqt li hi ma kinitx tahdem, kien jahdem il-konvenut, fl-ambjent tal-kostruzzjoni, u kien jghatiha flus sabiex izomm il-familja; kien jaghtiha l-flus ghaliha u ghat-tfal taghhom. Tghid li, minkejja dan, lit-tfal kienet irregistrathom kollha bhala wild ta' "missier mhux maghruf".

Fis-sena 2005 ir-relazzjoni spiccat, u "t-tfal qataghhom ghal kollox ghax issa ghandu girlfriend ohra u ghandu baby iehor."[4]

Illi min-naha tieghu l-konvenut jammetti li kellu relazzjoni stabbli mal-attrici, u li kien jahdem, u li matul dan iz-zmien huwa kien jghaddilha "xi haga" tal-flus; ukoll kien hallsilha d-dejn ta' LM2,000 fuq il-karrozza taghha.

---

[2] Fol.18

[3] Fol.41 *et seq.*

[4] Fol.45

Illi fix-xhieda tieghu moghtija fl-14 ta' April 2011[5] jispjega li fis-sena 2008 [data preciza mhux indikata] huwa kellu ncident fuq il-post tax-xoghol li rrendih invalidu ghax-xoghol, tant, li kien ilu tlett snin ma jahdem. Huwa jikkonferma li minn meta spicca r-relazzjoni mal-attrici huwa dejjem kien imwegga'; izda minkejja dan ma jiehu ebda beneficju socjali ghax, kif konfermat mir-rapprezentant tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali, kien hemm "exhaustion of contributions."[6] Di fatti huwa jghix bl-ghajnuna li jaghtuh hutu; liema fatt gie konfermat minn ohtu Carmen Ciantar li xehedet li l-konvenut jghix ghandha, u jiehdu hsiebu u jghinuh hi u ohtha. Din ix-xhud tghid li l-konvenut "bhal issa ma jista' jaghmel xejn la joqghod bil-wieqaf anqas bil-qiegheda dejjem mindud."[7]

Il-Kirurgu Raymond Gatt fix-xhieda[8] tieghu jikkonferma li l-konvenut kien ilu taht il-kura tieghu sentejn minhabba ncident li kellu. Jghid li l-konvenut kellu hadida fil-gogg u wara li din titnhehha kien ser ikollu bzonn operazzjoni maggura. Jikkonferma li fil-prezent ma jistax jaghmel xoghol ta' kostruzzjoni, izda "aktar 'il quddiem ma nafx. Activities of daily living, [joqghod] bil-qiegheda, jimxi u jitla' t-tarag ma jistax [jaghmilhom]. Basics ma jistax jaghmilhom." Il-kirurgu jikkonferma li "wara t-tieni operazzjoni, recovery period, jekk tkun successful hija ta' sitt gimghat; u mhux ser tkun l-ahhar operazzjoni."

**Konsiderazzjoni tal-Qorti**

Illi permezz tas-sentenza fuq indikata, din il-Qorti kkonfermat li t-tlett t'itfal fuq indikati, u li sallum ghadhom it-tlieta minuri, huma l-ulied naturali tal-konvenut; u ghalhekk, f'cirkostanzi normali, jiskattaw fil-konfront ta' dan, l-obbligi stipulati fl-artikolu 3B u 7 tal-Kap.16, fosthom dak li jmantni lill-istess uliedu.

Illi jidher li dan l-obbligu ta' manteniment kien qed jigi ezegwit mill-konvenut sas-sena 2005 meta giet terminata r-relazzjoni tieghu mal-attrici. Minn dakinhar 'il quddiem

---

[5] Fol.107
[6] Fol.114
[7] Dpe. 9 ta' Mejju 2011 – Fol.122
[8] Fol.109

huwa ma tax aktar flus lill-attrici, lanqas ghal dan l-iskop u ghalhekk jirrizulta car li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici somma bhala manteniment arretrat li jirrizali mill-ahhar tas-sena 2005 sas-sena 2008, kif ukoll fil-futur sakemm it-tfal isiru maggjorenni.

Izda f'dan il-kaz jirrizulta li fil-prezent, u fuq bazi ta' probabbilita' mis-sena 2009, il-konvenut mhux fil-pozizzjoni li jahdem u jiggenera ntrojtu, u lanqas ghandu mezzi, tant li qed jghix bl-ghajnuna fizika u finanzjarja ta' hutu; u ghalhekk fic-cirkostanzi ma jistax jitqies li fil-prezent hu ghandu mezzi sabiex jezegwixxi l-obbligu tieghu ta' manteniment fil-konfront t'uliedu; lanqas hu kapaci li jaghmel l-attivitajiet bazici tal-hajja ta' kuljum, ahseb u ara kemm jista' jahdem.

Illi ghal rigward tal-manteniment arretrat ghat-tlett snin mis-sena 2005 sa 2008, il-Qorti tosserva li ma tressqux provi bizzejjed sabiex tkun fil-pozizzjoni li tillikwida dan il-manteniment, senjatament il-prova tal-introjtu tieghu meta hu kien jahdem. Ghalhekk f' dan il-gudizzju ser tillimita ruhha billi tafferma d-dritt tal-attrici li titlob manteniment arretrat minghand il-konvenut ghall-perjodu fuq indikat.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li f'dan il-kaz jirrizulta car li <u>rebus sic stantibus</u> t-talbiet attrici, tnejn u tlieta, ma' jstghux jigu milqugha, hlief ghall-arretrat ta' manteniment ghat-tlett snin mis-sena 2005 sas-sena 2008; u ser jigu rigettati, bir-rizerva ta' kull azzjoni spettanti lill-attrici fil-futur jekk il-kondizzjoni tal-konvenut titbiddel b' mod li dan ikun jista' jahdem u jiggerna ntrojtu.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi, tilqa' t-tielet talba fis-sens li tafferma l-obbligu tal-konvenut li, bhala genituri, jmantni lit-tfal naturali tieghu; izda rebus sic stantibus, stante l-istat ta' sahha tieghu, tichad t-tielet u r-raba' talbiet – bir-rizerva li l-attrici fil-futur tistitwixxi proceduri ohra biex tirriklama l-manteniment dovut ghat-tfal minuri tal-partijiet, jekk il-kondizzjoni tal-konvenut titjieb b' mod li dan ikun fil-pozizzjoni li jahdem u jiggenera ntrojtu.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------